National Commission
for the Promotion
of Equality for
Men And Women

Kummissjoni Nazzjonali
għall-Promozzjoni
ta' l-Ugwaljanza
għall-Irġiel u n-Nisa

## Proġett "Taking Gender Equality to Local Communities"

## Press Release- 27 ta' Lulju 2007

## Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza qiegħda tniedi proġett illi jismu *"Taking Gender Equality to Local Communities"*, illi huwa parzjalment finanzjat mill-*Community Framework Strategy on Gender Equality (2001-2005)*. Il-*Press Conference* saret fil-Westin Dragonara Hotel nhar il-ġimgħa 27 ta' Lulju 2007.

Fost l-għanijiet prinċipali tal-Proġett insibu l-promozzjoni tal-ugwaljanza fuq livell lokali, li tinħoloq kuxjenza dwar l-effetti negattivi ta' l-isterjotipi, u l-promozzjoni ta' diskussjoni dwar ir-rwoli tan-nisa u l-irġiel fis-socjeta`. Il-partners barranin f'dan il-Progett jinkludu organizzazzjonijiet mill-Italja, il-Kroazja, il-Greċja u l-Portugall, filwaqt illi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali huwa l-partner lokali tal-Proġett.

Il-progett qiegħed iniedi riċerka dwar l-ezempji tajbin għall-promozzjoni tal-ugwaljanza fuq livell lokali, f'diversi stati Ewro-Mediterranji. Il-materjal li ser jiġi prodott wara din ir-riċerka jinkludi *Brochure* kif ukoll rapport aktar dettaljat, u dawn ser ikunu imqassmin.

Ser tittella' wirja f'diversi lokalitajiet ta' Malta u Għawdex. F'din ser il-wrija ser ikunu ippreżentati eżempji tajbin għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza.

Il-Proġett qiegħed joffri taħriġ dwar sensitizzazzjoni tal-ġeneru lill-pubbliku, membri tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll persuni illi huma attivi f'għaqdiet lokali u nazzjonali. L-għaqdiet illi jixtiequ jibbenifikaw minn dan it-taħriġ, jistgħu jagħmlu dan billi jikkuntattjaw lill-NCPE sabiex jibbukkjaw għat-taħriġ.

Wieħed mill-metodi kreattivi illi ser juża dan il-Proġett biex jitwassal il-messaġġ huwa permezz tal-lirika tad-diski. L-NCPE għadha kif inawgurat CD ta' mużika li għandha **tnax-il diska** li ġew maħluqa speċifikament għal dan il-Proġett. Din ic-CD tinkludi wkoll *theme song* illi hija *Ensemble* mill-ghaxar kantanti illi ippartecipaw f'dan il-Progett.

It-temi illi jittrattaw dawn id-diski jinkludu opportunitajiet indaqs, dmirijiet u responsabbilitajiet indaqs fi ħdan relazzjoni, *empowerment* tal-persuna, u l-aspirazzjonijiet tal-karriera irrispettivament mill-ġeneru.

Il-kantanti illi ħadu sehem f'dan il-Proġett ser ikunu qiegħdin jipparteċipaw f'diversi attivitajiet lokali fejn ser jitkantaw dawn id-diski. Għaqdiet lokali u dawk nazzjonali għandhom l-opportunita` illi jinkludu performances tal-kantanti fl-attivitajiet tagħhom.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Proġett, wieħed jista` jżur is-sit elettroniku www.equalityincommunity.com jew iċempel fuq 25903850.

| | |
|---|---|
| Ms. Sina Bugeja<br>Executive Director NCPE | Dr. Clare Zammit LLD<br>Project Coordinator |